**20 ta' Mejju, 1987**

**Imħallef: –**

**Onor. Stephen Borg Cardona B.A., LL.D.**

Anne Formosa *pro et noe*

*versus*

Mark Arcidiacono

## Filjazzjoni Illeġittima – *Exceptio Plurium Concubentium* – Periti Addizzjonali

*Meta ssir talba għall-ħatra ta' periti addizzjonali, il-Qorti m'hix marbuta li tilqa' din it-talba. Id-diskrezzjoni tal-Qorti jekk tilqax din it-talba jew le ma hix sindakabbli mill-Qorti ta' l-Appell.*

*Biex tintlaqa' talba għal dikjarazzjoni li l-konvenut huwa l-missier naturali ta' wild l-attriċi, l-attriċi trid turi li seħħew dawn it-tliet kondizzjonijiet.*

1. *li qrib iż-żmien tal-konċepiment, il-konvenut kellu relazzjonijiet ma' l-attriċi omm it-tarbija;*

2. *li, fl-istess żmien, l-istess attriċi ma kellhiex relazzjonijiet ma' rġiel oħra; u*

3. *li, fl-istess żmien u qabel, l-attriċi tkun ġiebet ruħha hekk tajjeb li moralment jista' jiġi eskluż li hi setgħet kellha relazzjonijiet ma' rġiel oħra. Iżda, meta jikkonkorru l-ewwel żewġ kondizzjonijiet, ma għandhiex issir insistenza fuq imġiba strettament perfetta ta' attriċi.*

Il-Qorti: –

Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attriċi *proprio et nomine* premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni; Premess li fl-24 ta' Ottubru 1972 twieldet mir-relazzjoni li l-attriċi kellha mal-konvenut it-tarbija Nicola Andrea; u premess li l-konvenut mill-bidu aċċetta li t-tarbija kienet tiegħu, imma issa qiegħed jinnega l-paternità; u premess li l-konvenut m'hu qiegħed jagħti lill-attriċi għal bintu minuri ebda menteniment;

Talbet li din il-Qorti tiddikjara u tiddeċidi li t-tarbija Nicola Andrea li twieldet fl-24 ta' Ottubru 1972 lill-attriċi hija bintu; li tikkundanna lill-konvenut jissomministra lill-attriċi għall-bżonnijiet ta' l-imsemmija bintu minuri dawk l-alimenti li jiġu stabbiliti minn dina l-Qorti fl-ammont, ħin u lok li jiġu minn din il-Qorti ordnati;

Bl-ispejjeż kompriżi Lm1 ta' l-ittra tat-23 ta' April 1973 u tat-13 ta' Lulju 1978 kontra l-konvenut;

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attriċi u l-lista tax-xhieda tagħha;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut fejn qal li t-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt *stante* li huwa mhux responsabbli għat-tqala ta' l-attriċi li kellha relazzjonijiet ma' ħafna rġiel oħra;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut u l-lista tax-xhieda tiegħu;

Rat id-digriet tas-sittax (16) ta' Novembru 1978, li bih ġie nnominat l-Avukat Dr Joseph Ciappara Perit Legali biex ifittex u jirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi attriċi waqt li jkun ħa konjizzjoni ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut;

Rat id-digriet tagħha ta' l-20 ta' Jannar 1982 li bih ġie nnominat Dr Lawrence Manché bħala espert sabiex jagħmel it-testijiet tal-paternità permezz tal-prova tad-demm, u d-digriet tal-15 ta' Marzu 1982 li bih dan ġie ssostitwit bit-Tabib Dr Ray Schembri Wismayer;

Rat ir-relazzjoni elaborata, komprensiva u akkurata tal-Perit Legali, l-Avukat Dr Joseph Ciappara maħlufa minnu quddiem il-Qorti fl-udjenza tas-17 ta' Ottubru 1986 kif ukoll il-verbali tas-seduti kollha miżmuma minnu u d-dokumenti kollha esebiti fil-kors ta' dawk is-seduti;

Rat ir-rapport ta' l-espert mediku Dr Ray Schembri Wismayer maħluf minnu fl-20 ta' Marzu 1987 u esebit mill-imsemmi perit legali bħala Dokument 'X' mar-relazzjoni tiegħu;

Rat li x-xiehda tat-tabib Dr Ray Schembri Wismayer ta' l-20 ta' Marzu 1987 mhux fil-proċess billi l-konvenut, li nġunġa l-istess tabib, ma ħax ħsieb il-ħlas dovut u għalhekk il-Qorti ser tiskarta l-istess xiehda;

Rat il-verbal ta' l-istess data, 20 ta' Marzu 1987, fejn l-Avukat Dottor A. Rutter Giappone għall-konvenut talab in-nomina ta' Periti Perizjuri in relazzjoni mar-rapport ta' Dr Schembri Wismayer u l-opposizzjoni ta' l-attriċi għal din it-talba;

*Omissis;*

Rat l-atti l-oħra tal-kawża;

Ikkunsidrat:

Illi dwar it-talba tal-konvenut għan-nomina ta' periti perizjuri;

Illi fuq din it-talba l-Qorti mhix obbligata iżda għandha l-fakoltà li tipproċedi għal din in-nomina fid-diskrezzjoni llimitata tagħha, liema attitudini hija tant estiża li l-eżerċizzju ta' dina l-fakoltà mhix sindakkablli mill-Onor. Qorti ta' l-Appell (Kollez. XXIX.I.384). Illi konsegwentement il-Qorti jrid ikollha raġunijiet qawwija biex tinnomina periti addizzjonali;

Illi l-Qorti, wara li eżaminat bir-reqqa r-rapport tat-Tabib Schembri Wismayer, tħoss li ċirkostanza simili, ċjoè raġuni qawwija għal din in-nomina ta' periti perizjuri, ma tirrikorrix; Illi din il-konklużjoni l-Qorti waslet għaliha mhux biex tevita dewmien u titwil ta' żmien, imma għax hija konvinta bl-opinjoni ta' l-espert mediku imsaħħa bir-relazzjoni akkurata tal-perit

legali;

Għaldaqstant tiċħad it-talba tal-konvenut għan-nomina ta' periti perizjuri, u ma ssib ebda motiv għaliex għandha tiddisassoċja ruħha mir-rapport peritali u għalhekk taċċetta, taddottah u tagħmlu tagħha;

Illi kif sewwa ssottometta l-perit legali l-Ġurisprudenza tal-Qorti tagħna fil-*materja hekk delikata ta'* paternità hemm bżonn il-konkors rigoruż ta' tliet kondizzjonijiet u ċjoè:

(1) Li qrib iż-żmien tal-konċepiment dak li lilu tiġi attribwita l-paternità kellu relazzjonijiet ma' omm it-tarbija; it-tarbija Nicola Andrea Formosa twieldet fl-24 ta' Ottubru 1972 u għalhekk il-konċepiment sar mhux qabel Diċembru 1971 u mhux aktar tard minn April 1972; il-konvenut ammetta li kellu *relazzjonijiet intimi ma' l-omm sew Malta kemm fis-*safar Catania; ammetta wkoll li xi drabi uża kontraċettivi *condom* u xi darbi s-*seminatio extra vas* jew *withdrawal* però dan mhux biżżejjed biex teskludi l-konċepiment (XVII.I.458);

Għalhekk din il-kondizzjoni tirriżulta ppruvata sodisfaċentement;

*(2) It-tieni kondizzjoni hija li l-omm ma kellhiex* relazzjonijiet fl-istess żmien ma' rġiel oħra;

L-attriċi ċaħdet kategorikament li hi kellha xi relazzjonijiet ma' rġiel oħra matul iż-żmien li hi kienet assoċjat ruħha mal-konvenut. Il-Qorti taqbel mal-perit legali li x-xiehda ta' Boris Arcidiacono, li l-għan tiegħu kien li jitfa' tajn fuq il-karattru ta' l-attriċi kemm jiflaħ, titlef kull sens ta' rispett u għandha tiġi

kompletament imwarrba;

Għaldaqstant ma jirriżultax li qrib iż-żmien tal-konċepiment l-attriċi kellha xi relazzjonijiet intimi ma' rġiel oħra u għalhekk din it-tieni kondizzjoni tirriżulta ppruvata sodisfaċentement;

(3) It-tielet kondizzjoni hi li, fl-istess żmien u qabel, l-omm tkun mantniet, imġiba u trobbija hekk tajba u minħabba fiha għandu jiġi eskluż moralment li hi seta' jkollha dawk ir-relazzjonijiet ma' rġiel oħra barra minn mal-missier tat-tarbija;

Fil-kawża "Adelaide Orr *noe vs* Barry Callison *et*", deċiża mill-Prim'Awla (J. Caruana Colombo, 14-X-1953); il-Qorti spjegat kif din il-kondizzjoni għandha tiġi kkwalifikata "Il-moriġeratezza ta' l-omm hija relattiva, u għandha tiftiehem fis-sens li hi ma tkunx uriet kostumi faċili f'epoka qrib il-konċepiment u fil-kors tal-gravidanza. F'kawżi simili l-ġudikant għandu juża ċirkospezzjoni kbira, imma dan ma jfissirx illi huwa għandu jirrespinġi l-azzjoni, speċjalment meta r-relazzjonijiet illeċiti jiġu ammessi mill-pretiż missier, sempliċement għaliex tirriżulta leġġerezza fil-kondotta ta' l-omm, u meta tonqos il-prova li din fi żmien bejn wieħed u ieħor qrib għall-konċepiment setgħet kellha dawk ir-relazzjonijiet ma' rġiel oħra";

Illi għalhekk m'hemmx isistenza mill-Qorti tagħna fuq imġiba strettament perfetta da parti ta' l-omm meta l-ewwel u t-tieni kondizzjonijiet jikkonkorru, u ċerta leġġerezza da parti ta' l-omm hija aċċettata;

Il-Qorti taqbel mal-perit legali li fiċ-ċirkostanzi tal-ħajja moderna ma jistax jingħad li l-attriċi uriet xi kondotta leġġera qrib iż-żmien tal-konċepiment, jew qabel, jew fil-kors tat-tqala;

*Għalhekk anki din il-kondizzjoni tikkonkorri;*

Ikkunsidrat illi hija konvinta, kif intqal fuq, bl-opinjoni ta' l-espert medika li kkonkluda, fir-rapport tiegħu, li ma hemm ebda dubju li r-riżultat huwa evidenza tqila favur il-paternità tal-missier allegat, dejjem sakemm l-omm ma kellhiex x'taqsam ma' parenti viċini tal-missier allegat'', liema ċirkostanza, ċjoé dik ta' relazzjoni ma' Boris Arcidiacono, ħu l-konvenut, qed tiġi *għal darb'oħra kategorikament eskluża bħala invenzjoni;*

Għaldaqstant taqbel mal-konklużjoni tal-perit legali li jirriżulta b'ċertezza morali li l-konvenut huwa tabilħaqq missier it-tarbija Nicola Andrea li twieldet lill-attriċi fl-24 ta' Ottubru 1972;

Illi taqbel ukoll li l-alimenti li qed titlob l-attriċi għandhom ikunu ta' lira Maltija kull jum *mid-data tat-twelid tat-tarbija*, però l-ewwel għaxar xhur wara dan it-twelid għandhom jiġu esklużi minħabba l-preskrizzjoni ta' ħames snin *in vista* tal-fatt li ċ-ċitazzjoni odjerna ġiet intavolata fl-1 ta' Awissu 1978, ħames snin u għaxar xhur wara t-twelid tat-tarbija;

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċidi billi tilqa' t-talbiet attriċi u tiddikjara li t-tarbija Nicola Andrea li twieldet mill-attriċi fl-24 ta' Ottubru 1972, hija bint il-konvenut, u tillikwida l-alimenti għall-imsemmija minuri fis-somma ta' Lm1 (lira Maltija) kull jum b'effett mill-1 ta' Awissu 1973 (għarraġunijiet dedotti mill-perit legali) li sallum l-istess alimenti arretrati jammontaw għall-ħamest eleft u seba' u teltin lira Maltija (Lm5037) u għalhekk tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attriċi l-manteniment ta' Lm5037 arretrati ta' alimenti u rigward l-alimenti futuri tikkundanna lill-konvenut iħallas l-istess

alimenti bir-rata ta' Lm1 kull jum bix-xahar 'il quddiem fil-21 ta' kull xahar b'effett minn għada;

L-ispejjeż kollha tal-kawża jitħallsu mill-konvenut.